

Brussell, 29 ta' April 2021  
(OR. en)

8210/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0207(COD)**

---

CODEC 601  
JAI 451  
INF 110  
CADREFIN 202  
FREMP 110  
DROIPEN 84  
COPEN 198  
JUSTCIV 71  
PE 40

#### **NOTA TA' INFORMAZZJONI**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: **ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW**  
Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi l-programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri  
- Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew  
(Brussell, 26 sad-29 ta' April 2021)

---

#### **I. VOT**

Fis-27 ta' April 2021, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjara l-pożizzjoni tal-Kunsill<sup>1</sup> fl-ewwel qari bħala approvata mingħajr emendi.

It-test tar-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew huwa anness għal din in-nota.

---

<sup>1</sup> ST 6833/1/20 REV 1.

## **II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi, l-att inkwistjoni jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294(7)(a) TFUE.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kunsill u s-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

**P9\_TA(2021)0137**

## **Il-Programm Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri 2021-2027 \*\*\*II**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' April 2021 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 (06833/1/2020 – C9-0144/2021 – 2018/0207(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (06833/1/2020 – C9-0144/2021),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2018<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-10 ta' Ottubru 2018<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>4</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0383),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0144/2021),

---

<sup>2</sup> ĠU C 62, 15.2.2019, p. 178.

<sup>3</sup> ĠU C 461, 21.12.2018, p. 196.

<sup>4</sup> Testi adottati tas-17.4.2019, P8\_TA(2019)0407.

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
3. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
4. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
5. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att, flimkien mad-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## ANNEX

### **Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament tal-linja tal-valuri tal-Unjoni fl-2021**

Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja, il-koleġiżlaturi jaqblu li l-linja tal-Valuri tal-Unjoni tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri jenħtieġ li tkun mgħammra b'finanzjament sostanzjali mill-1 ta' Jannar 2021.

Il-koleġiżlaturi jappellaw lill-Kummissjoni biex tiegħu azzjonijiet xierqa biex tilħaq dak l-oġġettiv, speċjalment biex tivvaluta l-użu ta' strumenti ta' flessibilità skont il-qafas legali tal-baġit annwali tal-UE għall-2021, f'konformità mal-kriterji ta' attivazzjoni stabbiliti fir-Regolament QFP.

---